# News Releases



# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà (PPI): L-Ewwel Kwart tal-2023

NR115/2023 Data tal-Ħruġ: 4 ta' Lulju 2023

*Fl-ewwel kwart ta' din is-sena, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà (PPI) kien ta' 148.89, li hija żjieda ta' 6.6 fil-mija meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel.*



Fl-ewwel kwart ta' din is-sena, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà (PPI) kien ta' 148.89, li hija żjieda ta' 6.6 fil-mija meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel (Tabelli nri 1 u 2).

Iċ-ċifri proviżorji juru li din iż-żjieda kienet affettwata l-aktar mill-iżviluppi fl-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Appartmenti li kien ta' 148.97, fejn ġiet irreġistrata żjieda annwali ta' 6.8 fil-mija (Tabelli nri 1 u 2).

Fl-ewwel kwart tal-2022, il-PPI rreġistra żjieda ta' 6.8 fil-mija meta mqabbel mal-istess żmien fis-sena ta' qabel (Tabella nru 2).

**Aktar tagħrif**

Il-PPI juri l-bidliet fil-prezzijiet tax-xiri ta' proprjetà residenzjali. L-Indiċi jiġi kkompilat kull tliet xhur, u mhux kull xahar, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċifri kollha jkunu msaħħa minn kampjuni akbar.

Il-PPI jinkludi appartamenti, mezzanini u djar terraced. Madankollu, il-bidliet fil-prezzijiet f'dawn it-tipi ta' proprjetà huma meqjusin bħala indikattivi tal-iżviluppi fis-suq tal-proprjetà b'mod ġenerali.

## Ċart nru 1. PPI - It-tibdil annwali tal-prezzijiet

